# Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Aġenda għal turiżmu Ewropew sostenibbli u kompetittiv

*COM(2007) 621 finali*

(2009/C 27/03)

Nhar id-19 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Aġenda għal turiżmu Ewropew sostenibbli u kompetittiv.*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-13 ta' Ġunju 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Mendoza Castro.

Matul l-446 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fid-9 u l-10 ta' Lulju 2008 (seduta ta' l-10 ta' Lulju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'108 voti favur u 5 astensjonijiet.

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jilqa' bi pjaċir u japprova l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu *Aġenda għal turiżmu Ewropew sostenibbli u kompetittiv*, u jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni biex issaħħaħ l-istrateġija u l-politika tat-turiżmu tagħha għas-snin li ġejjin permezz ta' din l-aġenda li ser isservi bħala qafas għall-implimentazzjoni tagħhom fil-prattika. Din il-politika l-ġdida diġà tressqet fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-*Tiġdid tal-Politika ta' l-UE dwar it-Turiżmu: Lejn partenarjat aktar b'saħħtu għat-Turiżmu Ewropew*.

1.2 Il-Kumitat japprezza l-isforzi tal-Kummissjoni biex tqassar f'qasir żmien bosta dokumenti, opinjonijiet u dibattiti importanti. Intlaħaq l-objettiv li l-pubbliku jingħata stampa ċara u sodisfaċenti tar-riżultati tal-ħidma tal-Grupp għas-Sostenibilità tat-Turiżmu, ta' l-esperti li ħejjew ir-rapport u r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika li saret wara.

1.3 Il-KESE jemmen li din il-politika tfasslet fuq sisien adatti, jiġifieri l-istrateġija mġedda ta' Lisbona, l-objettivi ġenerali ppjanati għat-titjib tal-kompetittività u s-sostenibilità kif ukoll dawk iktar partikolari tal-prosperità ekonomika, l-ekwità u l-koeżjoni soċjali, kif ukoll il-ħarsien ta' l-ambjent u l-kultura.

1.4 Jaqbel ukoll ma' l-isfidi identifikati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni kif ukoll l-approċċ propost biex jiġu indirizzati. Il-metodu propost jikkonsisti fil-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha permezz ta' forom differenti ta' kollaborazzjonijiet u ta' "kollaborazzjonijiet kompetittivi". Din il-parteċipazzjoni titqies bħala l-qalba tal-politika tat-turiżmu l-ġdida u ta' l-aġenda li għandha sservi bħala qafas għall-implimentazzjoni tagħha. L-importanza ta' l-isfidi indikati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni hija evidenti, u fil-ġejjieni l-istudju kontinwu dwar l-impatt tal-gassijiet b'effett ta' serra fuq is-sostenibilità għandu jkun wieħed mill-elementi ewlenin ta' din l-aġenda.

1.5 Il-KESE japprova l-impenn tal-Kummissjoni biex timplimenta din il-politika l-ġdida bis-saħħa tad-djalogu, il-kooperazzjoni, miżuri ta' appoġġ ġodda u l-koordinazzjoni bejn id-diversi partijiet ikkonċernati. L-*Aġenda għal turiżmu Ewropew sostenibbli u kompetittiv* hija l-applikazzjoni ta' metodu konkret u ta' l-istrumenti ta' azzjoni li ġew proposti għal kull parti interessata fil-qasam tat-turiżmu Ewropew. Madankollu, huwa stmat li permezz tad-DĠ Intrapriża l-Kummissjoni tista' u għandha taqdi rwol attiv u tmexxi t-tnedija ta' bosta inizjattivi fil-livell Ewropew, bħat-turiżmu soċjali, it-turiżmu għal kulħadd u t-taħriġ fis-settur turistiku. B'mod speċifiku, kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-istituzzjonijiet l-oħra għandhom jagħmlu sforzi ikbar biex jinvolvu l-intrapriżi ż-żgħar, ta' daqs medju u l-mikro-intrapriżi fis-sostenibilità tat-turiżmu u fl-aġenda li sservi biex jiġi implimentat u jintlaħaq dan l-objettiv. Il-Kumitat jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tistabbilixxi d-"destinazzjonijiet Ewropej ta' eċċellenza" bħala eżempju ta' prattika tajba u ta' dak li jista' jinkiseb.

1.6 Il-KESE jerġa' jipproponi u jirrakkomanda li jitħeġġeġ il-ħolqien ta' Forum Ewropew dwar it-Turiżmu, u li jsir progress fir-riflessjoni dwar il-**Kunsill Konsultattiv Ewropew tat-Turiżmu** u dwar l-**Aġenzija Ewropea tat-Turiżmu**, u fl-istudju dwar kif jistgħu jiġu implimentati. Dawn iż-żewġ korpi jistgħu jservu bħala forum fejn l-awtoritajiet tat-turiżmu u d-diversi partijiet interessati fis-settur turistiku jkunu jistgħu jiltaqgħu biex itejbu u jxerrdu l-informazzjoni dwar it-turiżmu sostenibbli u kompetittiv, biex jiggarantixxu s-segwitu ta' l-implimentazzjoni tal-politika u l-aġenda tat-turiżmu u, b'mod partikolari, biex jidentifikaw it-tendenzi fis-settur turistiku u jfasslu l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu f'dan il-qasam. B'mod speċifiku, l-objettiv tal-ħidma ta' dawn il-korpi jista' jkun il-bidla fil-klima, l-impatt tagħha fuq it-turiżmu u l-passi li għandhom jittieħdu f'din il-kwistjoni.

1.7 Il-KESE jilqa' bi pjaċir ix-xewqa tal-Kummissjoni li ttejjeb l-użu ta' l-istrumenti finanzjarji disponibbli. It-turiżmu soċjali, b'mod speċjali, jitqies bħala qasam xieraq biex jinbdew xi esperimenti ta' natura transnazzjonali fil-forma ta' proġetti pilota. Xi eżempji jistgħu jkunu t-turiżmu soċjali u t-turiżmu għal kulħadd, l-iżvilupp tar-riżorsi umani, l-iżvilupp tal-prodott u l-penetrazzjoni tas-suq. Fil-fehma tal-Kumitat diġà jeżisti l-kuntest biex jinbdew xi esperimenti transkonfinali fil-forma ta' proġetti sperimentali f'dawn l-oqsma.

1.8 Il-KESE jilqa' l-qofol tal-ħidma li saret fil-kuntest ta' Aġenda 21 għat-turiżmu. Ir-riżultati tagħha, li jissemmew fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *Aġenda għal turiżmu Ewropew sostenibbli u kompetittiv*, jikkompletaw u jikkonkretizzaw il-politika ġenerali tas-sostenibilità fil-qasam tat-turiżmu Ewropew. Fil-fatt, id-dokument tekniku tal-kummissjoni li nħolqot għal dan il-għan isawwar il-pedament tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u jikkompletaha. Għalhekk, dawn iż-żewġ dokumenti għandhom jiġu kkunsidrati b'mod konġunt.

1.9 Rigward l-istatistika, il-KESE jilqa' s-sejħa għall-proposti li nediet il-Kummissjoni fuq it-talba tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew b'rabta mal-ħolqien ta' netwerk ta' osservatorji tat-turiżmu li bis-saħħa tagħhom ser tkun tista' tinġabar u tixxerred id-data tas-settur. Dan in-netwerk ser jintroduċi wkoll viżjoni strateġika u prospettiva sabiex ikunu jistgħu jitbassru u jitfasslu l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu fil-ġejjieni.

1.10 Il-KESE huwa lest li jkompli għaddej bil-ħidma tiegħu fil-qasam tat-turiżmu b'konformità mal-linji proposti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-aġenda in kwistjoni, u jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra, lill-Istati Membri, u lir-reġjuni u l-lokalitajiet, kif ukoll lill-partijiet interessati fis-settur — l-intraprendituri u t-trejdjunjin kif ukoll iċ-ċittadini kollha — biex jikkolaboraw bil-għan li jittejjeb l-għarfien tas-settur turistiku u biex jappoġġjaw it-turiżmu bħala dritt ta' kulħadd u bħala attività ekonomika strateġika għall-futur ta' l-Ewropa. Sabiex jinkiseb turiżmu sostenibbli u kompetittiv tinħtieġ ukoll ir-responsabilità tal-partijiet interessati u l-konsumaturi kollha.

1.11 Għalkemm il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tqis ċerti kriterji u elementi ta' natura soċjali fl-approċċ tagħha dwar l-attività turistika, il-KESE jiddispjaċih li ma ssir l-ebda referenza għall-kunċett u r-realtà taċ-ċittadinanza Ewropea. It-turiżmu huwa, u jista' jkun ħafna iktar, wieħed mill-fatturi tal-koeżjoni billi jiġbor flimkien kulturi u realtajiet soċjali madwar din iċ-ċittadinanza Ewropea li aħna lkoll mitluba nippromovu u niżviluppaw. Il-varjetà u d-diversità tal-kulturi, tal-lingwi, tal-patrimonji naturali u kulturali ta' l-Istati Membri differenti huma rikkezza enormi li tista' u għandha tintuża u tiġi sfruttata bħala mezz biex insiru nafu iktar min aħna u biex jiġu rikonoxxuti d-drittijiet tagħna bħala ċittadini Ewropej. Aspett ieħor li jisthoqqlu prominenza kbira fid-dibattiti u d-dokumenti fil-livell Ewropew dwar it-turiżmu huwa l-kultura billi jista' jkun hemm is-sinerġiji bejn it-turiżmu u l-kultura, kif diġà wera l-Kumitat f'opinjoni preċendenti.

1.12 Fil-kuntest tat-titjib tal-kompetittività u tas-sostenibilità ta' l-attività turistika jeħtieġ li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi partikolari tad-destinazzjonijiet. Il-Kumitat jirrakkomanda li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi ta' l-Istati Membri li jiddependu ħafna mit-turiżmu. Għandhom jiġu kkunsidrati wkoll il-ħtiġijiet tat-territorji differenti meta jitfasslu l-politiki u l-proposti fil-qasam tat-turiżmu. Fl-istimi ta' l-impatt li twettaq il-Kummissjoni għandu jiġi kkunsidrat l-impatt sproporzjonat potenzjali li t-turiżmu jista' jkollu f'reġjuni u setturi differenti, per eżempju fir-rigward tad-destinazzjonijiet li jiddependu ħafna mit-trasport bl-ajru u li ma jistgħux jintlaħqu b'mezzi oħra tat-trasport jew li jiddependu kważi għal kollox minnu, bħal m'hu l-każ tal-gżejjer.

1.13 Il-KESE jemmen li l-prinċipji u l-valuri kollha li jinsabu fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, jiġifieri s-sostenibilità, il-benesseri soċjali, il-kompetittività, il-kooperazzjoni, is-sħubija, il-vijabilità ekonomika, is-sigurtà, il-kwalità ta' l-impjiegi, eċċ., huma parti integrali mill-mudell turistiku Ewropew mhux għax jifformaw sensiela ta' regoli iżda għaliex dawn il-prinċipji u l-valuri huma implimentati b'mod ġenerali madwar l-Unjoni Ewropea.

1.14 Il-KESE jheġġeġ lill-Kummissjoni timxi 'l quddiem b'mod konġunt ma' organizzazzjonijiet oħra fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni fil-livell Ewropew ta' l-għarfien u l-kompetenzi fis-settur turistiku bil-għan li tittejjeb il-kwantità u l-kwalità ta' l-impjiegi fis-settur. Jeħtieġ nippromovu l-Europass li bis-saħħa tiegħu joħorġu fid-dieher il-ħiliet u l-kwalifiki personali b'mod sempliċi u li jista' jinftiehem faċilment madwar l-Ewropa kollha kemm hi (l-Unjoni Ewropea, il-pajjiżi ta' l-EFTA/iż-ŻEE u l-pajjiżi kandidati) tal-ħaddiema li jkunu qed ifittxu xogħol u li jiċċaqilqu madwar il-kontinent kollu għal raġunijiet professjonali.

## 2. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

Sabiex nifhmu u napprezzaw aħjar dak li l-Kummissjoni tixtieq twassal lill-partijiet interessati u l-istituzzjonijiet Ewropej, ser nippreżentaw taqsira tal-Komunikazzjoni u tal-punti ewlenin tagħha.

### 2.1 *Introduzzjoni tal-Komunikazzjoni*

2.1.1 **L-isfida tal-bilanċ bejn is-sostenibilità u l-kompetittività.** Fl-ewwel paragrafu ta' l-introduzzjoni, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tagħraf l-ewwel u qabel kollox ir-rwol ċentrali u strateġiku tat-turiżmu fl-ekonomija Ewropea. Dan il-punt mhux ibbażat biss fuq data kwantitattiva, iżda wkoll fuq l-abilità tat-turiżmu li joħloq l-impjiegi u b'hekk jagħti kontribut biex jintlaħaq l-objettiv ta' l-istrateġija mġedda ta' Lisbona. F'dan il-kuntest nistgħu nsemmu r-rata tat-tkabbir li tbassret għal dan is-settur, jiġifieri iktar minn 3 %, li mingħajr l-iċken dubju ser tagħti kontribut siewi għall-objettivi marbuta ma' l-impjiegi. Però, f'ċerti każi u fuq perijodu twil ta' żmien, din ir-rata tista' twassal biex jinqabżu ċerti limiti li timponi s-sostenibilità.

2.1.2 **Il-kompetittività u s-sostenibilità: żewġ kundizzjonijiet kompatibbli.** Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tgħid b'mod ċar li l-kompetittività tiddependi mis-sostenibilità u mill-kwalità ta' l-esperjenza turistika, u fiha ssir referenza espliċita għall-eżiġenzi li l-bidla fil-klima qed timponi fuq l-industrija tat-turiżmu. Ir-responsabilità soċjali ta' l-intrapriżi tista' tagħti kontribut deċiżiv biex jiġu applikati l-miżuri għall-adattament u l-ġlieda kontra l-bidla fil-klima, filwaqt li jikkontribwixxu wkoll għall-innovazzjoni u l-valur tal-prodotti turistiċi f'dinja li qed tħabbat wiċċha ma' sfidi importanti fil-livell globali.

2.2 **Kontenut ta' l-aġenda.** B'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tipproponi l-ħolqien ta' bilanċ ġdid bejn il-benesseri tat-turisti, l-ambjent u l-kompetittività ta' l-intrapriżi u tad-destinazzjonijiet. Kulħadd għandu jipparteċipa fil-ħolqien ta' dan il-bilanċ.

2.2.1 **L-għanijiet u l-isfidi.** Bħala linji gwida għall-azzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati kollha, il-Kummissjoni tippreżenta tliet objettivi bażiċi fl-aġenda: il-prosperità ekonomika, l-ekwità u l-koeżjoni soċjali kif ukoll il-ħarsien ta' l-ambjent.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ssemmi lista ta' sfidi importanti immens li għandhom jiġu indirizzati sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi:

— il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u kulturali;

— it-tnaqqis tat-tniġġis u ta' l-użu tar-riżorsi;

— il-ġestjoni tal-bidla fl-interess tal-benesseri taċ-ċittadini;

— it-tnaqqis ta' l-istaġjonalità tat-talba;

— il-ġlieda kontra l-impatt tat-trasport fuq l-ambjent;

— l-aċċess tat-turiżmu għal kulħadd;

— il-kwalità ta' l-impjiegi fis-settur turistiku;

— il-garanzija tas-sigurtà tat-turisti u tal-komunitajiet lokali.

Din il-lista ta' sfidi tibqa' miftuħa u ħajja, u l-partijiet interessati fis-settur turistiku jridu jaġġornawha, jistabbilixxu l-prijoritajiet tagħha u jimmaniġġjawha bi spirtu ta' kooperazzjoni l-ħin kollu.

2.2.2 **Qafas għall-azzjoni.** Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tisħaq li l-azzjoni koerenti sabiex jintlaħqu l-objettivi u jiġu ffaċċjati l-isfidi tinvolvi l-kollaborazzjoni u l-ġestjoni responsabbli tad-destinazzjonijiet, l-intrapriżi u t-turisti; u tintroduċi l-kundizzjonijiet biex tinlaħaq din il-koerenza.

2.2.3 **Il-prinċipji.** Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tressaq disa' prinċipji sabiex jinkiseb turiżmu sostenibbli u kompettitiv. Fosthom ta' min jenfsizza dawn li ġejjin:

— ir-rispett tal-limiti li jistgħu jiġu stabbiliti rigward l-ammont ta' turisti li jista' jilqa' l-pajjiż, il-faċilitajiet jew il-volum tal-flussi turistiċi;

— il-ksib ta' pass u ritmu ta' l-iżvilupp li huma xierqa għar-riżorsi naturali, kulturali u soċjali disponibbli f'kull ħin u f'kull mument;

— pjan fuq medda twila ta' żmien — kundizzjoni indispensabbli sabiex jinsab bilanċ bejn is-sostenibilità u l-kompetittività.

2.3 **Nimxu 'l quddiem flimkien.** F'din il-parti l-Kummissjoni tenfasizza l-ħtieġa li l-partijiet interessati kollha, li l-attività tagħhom tħalli impatt fuq is-settur, jgħaqqdu l-isforzi tagħhom u jaħdmu b'mod volontarju u kostanti. Il-mudell propost huwa bbażat fuq il-prinċipju tas-sussidjarjetà, u preferebbilment l-azzjoni tittieħed fil-livell tad-destinazzjoni, iżda bl-appoġġ nazzjonali u Ewropew. Għaldaqstant, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tindirizza kemm ir-rwol tad-diversi partijiet interessati fis-settur kif ukoll dak tal-Kummissjoni Ewropea fid-dawl tat-trattat.

2.3.1 **Ir-rwol tal-partijiet interessati fis-settur.** Wara l-konklużjonijiet tal-Grupp għas-Sostenibilità tat-Turiżmu, il-Komunikazzjoni tagħraf ir-responsabbiltajiet wiesgħa u r-rwoli speċifiċi għat-tliet oqsma ta' azzjoni: id-destinazzjoni, l-intrapriżi u t-turisti. Issir referenza b'mod partikolari għall-ħtieġa li l-messaġġ dwar il-bżonn li jinstab bilanċ bejn is-sostenibilità u l-kompettività jasal u jixxerred fost il-mikro-intrapriżi.

2.3.2 **Ir-rwol tal-Kummissjoni Ewropea.** Il-Kummissjoni tagħraf ir-responsabbiltajiet tagħha li tieħu azzjoni b'konformità mat-trattat u twiegħed li ser tintroduċi u tippromovi diversi inizjattivi Komunitarji fil-kuntest ta' l-aġenda u l-implimentazzjoni tagħha. Fost id-diversi inizjattivi, ta' min isemmi b'mod speċjali erba' gruppi ta' azzjoni:

— il-mobilità tal-partijiet interessati sabiex jiksbu u jaqsmu l-għarfien — dan dejjem fil-kuntest tal-bilanċ bejn is-sostenibilità u l-kompetittività; il-Forum Ewropew dwar it-Turiżmu huwa eżempju tajjeb ta' l-iskambju ta' l-ideat u l-esperjenzi;

— il-promozzjoni u l-appoġġ tad-destinazzjonijiet Ewropej ta' eċċellenza bħala eżempju tal-prattika t-tajba, kif ukoll ir-reklamar tagħhom bħala netwerk ta' destinazzjonijiet marbuta li jkunu sostenibbli u kompetittivi;

— l-użu tad-diversi strumenti finanzjarji ta' l-UE — il-Kummissjoni twiegħed li ser ixxerred l-informazzjoni meħtieġa biex dawn l-istrumenti jintużaw aħjar fis-settur turistiku;

— l-integrazzjoni tas-sostenibilità u l-kompetittività fil-politiki tal-Kummissjoni u l-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għar-reġjuni varji li għandhom interessi u ħtiġijiet differenti: il-kosta, il-muntanja, iż-żoni rurali u ż-żoni urbani.

2.4 *Konklużjoni tal-komunikazzjoni*

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tikkonkludi billi ssejjaħ għal kollaborazzjoni sħiħa bejn il-partijiet interessati kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, fl-adozzjoni u l-implimentazzjoni prattika ta' l-aġenda. Tittenna r-rakkomandazzjoni għall-kollaborazzjoni fil-livelli kollha bħala kundizzjoni sabiex tittejjeb il-kompetittività u jiġi ggarantit turiżmu Ewropew attraenti u sostenibbli fuq perijodu twil ta' żmien. Il-Kummissjoni tistipula li l-valutazzjoni tal-pjan ta' azzjoni stabbilit fl-aġenda ser issir fl-2011. B'hekk l-objettiv tal-Kummissjoni f'din il-Komunikazzjoni huwa pjuttost ċar.

## 3. Kummenti ġenerali

3.1 L-għarfien tat-turiżmu u ta' l-importanza strateġika tiegħu għall-ekonomija Ewropea instigaw stqarrijiet, kemm formali kif ukoll informali, fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej. Bis-saħħa ta' dawn l-istqarrijiet issaħħaħ ir-rwol ta' dan is-settur, ixxerred il-messaġġ fost il-partijiet interessati kollha u, fl-aħħarnett, ingħatat spinta qawwija 'l quddiem lil dan is-settur mhux biss għal raġunijiet ekonomiċi iżda wkoll għall-valur soċjali tiegħu fil-bini ta' Ewropa taċ-ċittadini. Filwaqt li jingħaraf il-fatt li dan is-settur ingħata spinta qawwija 'l quddiem, għad baqgħalna x'naqdfu sabiex it-turiżmu jibda jaqdi dan ir-rwol ċentrali fil-politika Ewropea, kemm issa kif ukoll fil-ġejjieni.

3.2 Ta' min jinnota b'mod partikolari li t-trattat il-ġdid ta' Lisbona jagħraf l-importanza tat-turiżmu għall-Ewropa, u lill-Unjoni Ewropea jagħtiha iktar possibilitajiet biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp tiegħu. Lill-UE dan it-trattat jagħtiha l-kompetenza u l-missjoni li tappoġġja s-settur turistiku u li tikkoordina jew tikkompleta l-azzjoni ta' l-Istati Membri f'dan is-settur. Dan it-trattat jistipula li wieħed mill-objettivi ta' l-UE huwa li jinħoloq ambjent li jheġġeġ l-iżvilupp ta' l-intrapriżi u l-iskambju ta' l-aħjar prattiki f'dan il-qasam.

3.3 It-turiżmu ġie indirizzat f'diversi istituzzjonijiet Ewropej:

— **fil-Parlament Ewropew**, li kemm-il darba approva b'mod differenti ħafna r-riżoluzzjonijiet dwar it-turiżmu u l-impatt tiegħu fuq l-impjiegi u l-ekonomija. Biżżejjed insemmu r-riżoluzzjonijiet dwar it-*Turiżmu u l-iżvilupp* u dwar il-*Prospetti ġodda u l-isfidi l-ġodda għal Turiżmu Ewropew sostenibbli*;

— **fil-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea**, li indirizza t-turiżmu diversi drabi permezz tal-konklużjonijiet u l-pjanijiet ta' azzjoni, l-iktar sabiex jinsisti fuq il-ħtieġa li t-turiżmu jsir attività sostenibbli, kompetittiva u li toħloq l-impjiegi. Għandhom jissemmew b'mod partikolari l-konklużjonijiet tal-Kunsill li ġew adottati fis-7 ta' Lulju 2006 b'rabta mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-politika tat-turiżmu l-ġdida fl-Unjoni Ewropea, li fihom din il-politika l-ġdida tintlaqa' tajjeb u l-Kummissjoni hija mistiedna taqdi rwol attiv fil-koordinazzjoni tal-politiki differenti;

— **fil-Kummissjoni Ewropea**, bis-saħħa tad-diversi komunikazzjonijiet tagħha, speċjalment dik ta' Marzu 2006 li tfassal il-politika tat-turiżmu l-ġdida fl-UE, bis-saħħa tal-ħolqien, il-promozzjoni u l-organizzazzjoni ta' forums Ewropej dwar it-turiżmu kif ukoll bl-organizzazzjoni ta' konferenzi dwar temi varji: it-turiżmu soċjali, Aġenda 21 għat-turiżmu, fost bosta attivitajiet oħra bħall-proġett sperimentali dwar id-“destinazzjonijiet Ewropej ta' eċċellenza”, li rrikonoxxew u ppromovew l-aħjar prattiki użati fl-Istati Membri ta' l-UE u fil-pajjiżi kandidati;

— **fil-Kumitat tar-Reġjuni**, li fost xogħlijiet oħra ħejja opinjoni dwar il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni: *Qafas ta' kooperazzjoni għall-ġejjieni tat-turiżmu Ewropew* u *Tendenzi bażiċi għas-sostenibilità tat-turiżmu Ewropew*;

— **fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**, li kien, għadu u jibqa' jinteressa ruħu b'mod partikolari f'dak kollu li għandu x'jaqsam mat-turiżmu, kif jixhdu l-ħdax-il opinjoni approvati mill-1999 sa llum dwar dan is-suġġett, il-parteċipazzjoni attiva tiegħu fil-forums Ewropej differenti dwar it-turiżmu organizzati mill-Kummissjoni, il-parteċipazzjoni tiegħu f'diversi jiem dwar aspetti differenti tat-turiżmu kif ukoll il-promozzjoni li għamel għal dawn l-avvenimenti. Ta' min tissemma l-kollaborazzjoni li teżisti bejn il-KESE u l-istituzzjonijiet l-oħra fl-inizjattivi kollha li huma jniedu f'dan il-qasam.

3.4 Din l-opinjoni tal-KESE għandha tkun valutazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li qed tiġi analizzata billi tagħraf il-kontributi tagħha kemm għall-politika kif ukoll għall-metodu ta' ġestjoni. L-opinjoni tipprova wkoll tfassal proposti bil-għan li jarrikkixxu jekk mhux it-test stess għall-inqas id-dibattitu dwaru.

3.5 F'lenti li tixbah lil dik ta' l-opinjoni CESE INT/317 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-politika ta' l-UE dwar it-turiżmu, din l-opinjoni tixtieq terġa' ssostni li:

— it-turiżmu huwa dritt taċ-ċittadini kollha, hekk kif inhu stipulat fil-Kodiċi Dinji ta' l-Etika fit-Turiżmu, u dan iġib miegħu l-obbligu li nikkonformaw mal-prattiki t-tajba;

— it-turiżmu huwa dritt li jiġġenera r-rikkezza u vijabilità ekonomika diretta u indiretta b'mod speċjali fil-mikro-intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju; b'hekk jitqies bħala industrija strateġika li wriet li hija stabbli għall-Ewropa;

— il-kwalità tal-prestazzjoni tal-partijiet interessati fis-settur u r-reponsabilità ta' l-untenti lejn il-komunitajiet lokali huma valuri li għandhom jinżammu bħala l-bażi tal-kontinwità tagħha;

— it-turiżmu għandu jew għandu jkollu impatt ekonomiku, soċjali, ambjentali u urban pożittiv fil-livell lokali u reġjonali, u f'dan is-sens it-turiżmu huwa strument biex insiru nafu l-kulturi l-oħra u l-modi differenti ta' ħajja u ta' mġiba, mingħajr ma ninsew il-kooperazzjoni interreġjonali;

— it-turiżmu huwa settur dinamiku u joħloq ħafna impjiegi għal-lum u għal għada, u li t-turiżmu jista' jkun li joħloq impjiegi ta' kwalità, stabbli u bid-drittijiet soċjali;

— it-turiżmu ma jaħrabx il-problemi bħall-iffullar esaġerat u l-istaġjonalità li minħabba fihom tintilef il-kompetittività;

— il-Kumitat jemmen fil-virtujiet prattiċi ta' l-*Aġenda għal turiżmu Ewropew sostenibbli u kompetittiv* li fiha fehmiet ċari u objettivi ambizzjużi;

— il-mudell turistiku Ewropew huwa ħtieġa interna u jista' jsir referenza dinjija jekk ma jkunx ibbażat fuq ir-regoli iżda fuq il-valuri tal-kwalità, is-sostenibilità, l-aċċessibilità, eċċ., li huma aċċettati b'mod ħieles mid-destinazzjonijiet turistiċi u l-partijiet interessati kollha;

— il-mudell turistiku Ewropew huwa msejjes fuq destinazzjonijiet differenti, fuq approċċi differenti għat-turiżmu u fuq id-diversi tipi ta' turiżmu — dawn il-fatturi jarrikkixxu l-mudell turistiku Ewropew;

— il-mudell turistiku Ewropew huwa strument tajjeb għall-paċi u l-fehim bejn il-popli.

## 4. **Kummenti speċifiċi**

4.1 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tressaq b'mod ċar il-proposta dwar il-bilanċ neċessarju bejn is-sostenibilità u l-kompetittività u l-mod kif dan jista' jintlaħaq fil-prattika f'test li mhux twil wisq. Mingħajr l-ebda dubju dan jixhed l-isforz konsiderevoli biex issir sinteżi tal-materjal u l-ħtieġa li jiġu analizzati bosta dokumenti, opinjonijiet u dibattiti. Jeħtieġ nenfasizzaw li ntlaħaq l-objettiv li s-soċjetà tirċievi b'mod ċar il-prosposta bażika tal-Kummissjoni rigward il-futur tas-settur u l-azzjonijiet li jridu jsiru f'din l-industrija kumplessa.

4.2 L-argumenti tal-Kummissjoni dwar l-aġenda jidhru adatti għax jeżaminaw kemm l-impatt ekonomiku tat-turiżmu u l-abilità tiegħu li joħloq l-impjiegi fost iż-żgħażagħ, kif ukoll il-ħtieġa li jinħoloq bilanċ bejn is-sostenibilità u l-kompetittività li fuq perijodu twil ta' żmien ikunu jistgħu jsaħħu lil xulxin. L-istimi ta' l-impatt bħal dik tal-marka ekoloġika (carbon footprint) tad-diversi attivitajiet u reġjuni, jew tal-limiti ta' kemm jistgħu jinġarru u jintlaqgħu turisti huma aspetti ċentrali sabiex jintlaħaq u jinżamm il-bilanċ bejn dawn il-fatturi varjabbli. L-idea ġenerali li l-attività turistika għandha l-limiti f'termini ta' skala u ritmu hija l-bażi tal-bilanċ bejn is-sostenibilità u l-kompetittività.

4.3 Forsi l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni setgħet tanalizza bir-reqqa t-trattat il-ġdid ta' Lisbona sabiex tara x'inhi r-rabta bejnu u l-aġenda u l-progess li jġib miegħu biex tiġi applikata l-politika Ewropea l-ġdida tat-turiżmu. M'għandniex ninsew li l-istati u r-reġjuni kemm-il darba esprimew ix-xewqa li jżommu l-kompetenzi tagħhom fil-qasam tat-turiżmu, mingħajr ma jxekklu r-rwol ta' l-Unjoni bħala xprun u koordinatur f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-aspetti komuni li jistgħu jtejbu l-kompetittività tas-settur turistiku Ewropew. Il-ħolqien u l-ġestjoni ta' portal ta' l-Internet Ewropew għall-promozzjoni ta' l-Ewropa bħala destinazzjoni turistika, per eżempju, diġà wera li hu mezz utli u xieraq biex jippromovi l-pajjiżi kollha ta' l-UE bħala destinazzjoni turistika varjata u speċjali.

4.4 L-isfidi u l-objettivi kollha li tħabbar il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha huwa bla dubju ta' xejn dawk prinċipali u fis-snin li ġejjin it-turiżmu għandu jiffoka fuqhom. L-isfidi ewlenin tas-sostenibilità u tat-titjib tal-kompetittività huma wiesgħa biżżejjed biex iservu bħala l-bażi ta' sfidi ewlenin oħra, bħat-titjib tal-kwalità, il-ġlieda kontra l-istaġjonalità tat-turiżmu jew it-titjib tal-ħiliet ta' dawk li jaħdmu fis-settur turistiku — dawn l-isfidi ssemmew ukoll fl-aġenda.

4.5 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ttenni s-sejħa tagħha għall-kollaborazzjoni billi, b'konformità mal-politika l-ġdida tat-turiżmu, it-tisħiħ ta' din il-kollaborazzjoni ġie propost bħala l-qalba u l-marka tagħha. B'mod partikolari, ta' min wieħed jenfasizza r-rwol tat-trejdjunjins u ta' l-organizzazzjonijiet ta' l-intraprendituri li għandhom jiġu involuti fil-proċess ta' kollaborazzjoni, u li huma mistieda jipparteċipaw fid-dibattiti u l-forums kollha kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-miżuri ġenerali għat-titjib tas-settur. Jeħtieġ ukoll jitwaqqaf netwerk ta' bliet u destinazzjonijiet turistiċi b'interess komuni — it-titjib tal-kompetittività u s-sostenibilità. Il-promozzjoni tad-destinazzjonijiet Ewropej ta'

eċċellenza hija meqjusa pożittiva, u huwa enfasizzat il-fatt li dan il-kunċett għandu jinkludi t-trattament ġust tar-relazzjonijiet soċjo-professjonali u l-parteċipazzjoni tat-trejdjunjins u ta' l-organizzazzjonijiet ta' l-intraprendituri fi ħdan id-destinazzjoni magħżula. Dan għandu jsir bħala mezz biex tittejjeb is-sostenibilità u l-kompetittività tad-destinazzjonijiet turistiċi.

Għandu jiġi enfasizzat ir-rwol li jistgħu jaqdu l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom.

4.6 Il-Kummissjoni twiegħed li timplimenta din il-politika l-ġdida permezz tal-kooperazzjoni, l-introduzzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi u l-koordinazzjoni bejn il-partijiet interessati. L-aġenda tesprimi b'mod ċar ix-xewqa li l-partijiet interessati kollha fis-settur jerfgħu responsabilità ikbar. Fil-fehma tal-KESE, id-DĠ Intrapriża għandu rwol importanti ferm x'jaqdi fir-rigward tal-koordinazzjoni tal-politiki Ewropej kollha li għandhom x'jaqsmu direttament jew indirettament mat-turiżmu u t-tipi differenti ta' destinazzjonijiet li għandhom ukoll karatteristiċi partikolari.

4.7 Il-Kumitat jaħseb ukoll li l-Kummissjoni għandha taqdi rwol iktar attiv fl-introduzzjoni ta' inizjattivi Ewropej, fosthom dawk marbuta mat-turiżmu transnazzjonali fil-livell Ewropew. F'dan il-kuntest, jeħtieġ nipprezzaw li l-KESE kemm-il darba ssuġġerixxa, u jerġa' jagħmel dan f'din l-opinjoni, li l-UE għandha tippromovi u tiffavorixxi l-ħolqien ta' Forum Ewropew dwar it-Turiżmu, u li jsir progress fir-riflessjoni dwar il-**Kunsill Konsultattiv Ewropew tat-Turiżmu** u dwar l-**Aġenżija Ewropea tat-Turiżmu** u fl-istudju dwar kif jistgħu jiġu implimentati. Dawn iż-żewġ korpi għandhom ikunu responsabbli mill-iskambju ta' l-informazzjoni u mis-segwitu tal-politiki u l-azzjonijiet fil-qasam tat-turiżmu Ewropew. Il-Kumitat jipproponi wkoll li l-Kummissjoni tippromovi r-riċerka dwar it-twaqqif ta' pjattaformi teknoloġiċi fis-settur turistiku li jkunu kapaċi jtejbu t-tqegħid fis-suq tal-prodotti turistiċi, speċjalment fid-dawl tal-possibilitajiet ta' promozzjoni tat-turiżmu fl-Ewropa, u ż-żoni li minnhom jistgħu jiġu t-turisti (iċ-Ċina, l-Indja, ir-Russja, eċċ.).

4.8 Il-Kumitat jiddispjaċih li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ma tishaqx bizzejjed fuq ir-rwol tat-teknoloġiji ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICTs) fix-xenarju l-ġdid tat-turiżmu — kemm mil-lat ta' l-utenti kif ukoll mil-lat ta' l-intrapriżi u l-partijiet interessati fis-settur. L-isforzi fir-riċerka u l-iżvilupp f'dan is-settur bil-għan li jittejjeb l-użu ta' dawn it-teknoloġiji għandha tkun prijorità għas-snin li ġejjin. Dawn l-isforzi ser iwasslu għall-ġestjoni mtejba tad-destinazzjonijiet, l-intrapriżi u t-turisti, u bil-mod il-mod jintlaħaq il-bilanċ mixtieq.

4.9 Ix-xewqa evidenti li jiġu adottati miżuri konkreti, u b'mod iktar partikolari, li jintużaw aħjar l-istrumenti finanzjarji Ewropej disponibbli hija importanti, però l-Kumitat jiddispjaċih li ma ġiex propost programm bil-għan preċiż li jilqa' l-isfidi ewlenin tat-turiżmu Ewropew li ġew identifikati perfettament fil-Komunikazzjoni. Jeħtieġ noqogħdu attenti li l-fondi kollha maħsuba direttament jew indirettament għat-turiżmu jintużaw b'mod effikaċji u effiċjenti sabiex jintlaħqu l-objettivi.

4.10 Biex tinftiehem din il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni għandha tinqara fid-dawl tal-kontributi importanti tar-rapport tal-Grupp għas-Sostenibilità tat-Turiżmu. Dan id-dokument ipprovda kriterji importanti għat-tħejjija ta' l-aġenda, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mat-tqassim tar-rwoli bejn il-partijiet interessati fis-settur. L-isforzi ta' l-esperti magħrufa matul diversi xhur ħallew il-frott billi offrew approċċi kumplementari u prattiċi għal għadd ta' kwistjonijiet marbuta mas-sostenibilità u l-kompetittività.

4.11 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ma tindikax b'mod ċar xi rwol ingħata lill-istatistika tas-settur turistiku. Il-KESE jemmen li din għandha tagħti kontribut għas-segwitu ta' l-implimentazzjoni ta' l-aġenda, u b'mod speċjali tagħti importanza ikbar lill-fatturi varjabbli tas-sostenibilità, tal-kompetittività kif ukoll ta' l-impjiegi.

4.12 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tenfasizza b'mod ċar il-ħtieġa li l-politiki tat-turiżmu dwar is-sostenibilità u l-kompetittività jiġu integrati mal-politiki l-oħra tal-Kummissjoni u ta' l-UE kollha kemm hi sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu l-objettivi li jinsabu fl-aġenda.

4.13 Kif diġà ntqal fid-dokument tal-KESE bit-titolu *Id-dikjarazzjoni ta' Katowice* kif ukoll fl-opinjonijiet dwar *It-turiżmu u l-kultura: żewġ forzi għat-tkabbir* u dwar *It-tiġdid tal-politika ta' l-UE dwar it-Turiżmu* u f'dokumenti oħra tal-Kumitat, jeħtieġ ukoll li jiġu organizzati kampanji ta' komunikazzjoni sabiex jinformaw u jqajmu kuxjenza fost il-popolazzjoni Ewropea, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ, dwar il-qasam tat-turiżmu.

4.14 Il-Kumitat jaħseb li huwa kruċjali li t-taħriġ, kemm formali kif ukoll fuq il-post tax-xogħol, jikkorrispondi mal-ħtiġijiet ta' l-intrapriżi u jkabbar il-possibilità li n-nies isibu xogħol. Iċ-ċertifikazzjoni u r-rikonoxxenza fil-livell Ewropew ta' l-għarfien u l-ħiliet għandhom ikunu strument li jgħin fil-ħolqien ta' iktar impjiegi u ta' kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar fis-settur turistiku.

4.15 Sabiex tittejjeb il-kompetittività u s-sostenibilità tat-turiżmu, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi speċifiċi tad-destinazzjonijiet. Il-Kumitat jirrakkomanda li matul it-tfassil tal-politiki u tal-proposti għandhom jitqiesu l-partikolaritajiet ta' l-Istati Membri li jiddependu ħafna mit-turiżmu, u li r-reġjuni differenti jingħataw l-attenzjoni li tisthoqqilhom. Fl-istess ħin, ta' min jinnota li t-turiżmu f'destinazzjonijiet imbiegħda jista' jkollu impatt partikolarment qawwi fuq il-bidla fil-klima minħabba l-konsegwenzi u l-emissjonijiet ta' vjaġġi twal. Fil-ġejjieni, jeħtieġ titpoġġa enfasi ikbar fuq il-vantaġġi tad-destinazzjonijiet li jkunu qrib il-pajjiż minn fejn jibda l-vjaġġ tat-turista, u għalhekk jistgħu jintlaħqu b'inqas emissjonijiet tal-karbonju.

Brussell, l-10 ta' Lulju 2008

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

*ANNESS*

**għall-opinjoni tal-Kumitat Ekomomiku u Soċjali Ewropew**

Dan it-test ta' punt 4.15 ta' l-opinjoni tas-sezzjoni rċieva iktar minn kwart il-voti mixħuta, però ġie modifikat bl-emenda appovata fl-Assemblea:

"*4.15 Sabiex tittejjeb il-kompetittività u s-sostenibilità tat-turiżmu, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi speċifiċi tad-destinazzjonijiet. Il-Kumitat jirrakkomanda li matul it-tfassil tal-politiki u tal-proposti għandhom jitqiesu l-partikolaritajiet ta' l-Istati Membri li jiddependu ħafna mit-turiżmu, u li r-reġjuni differenti jingħataw l-attenzjoni li tistħoqqilhom.*"

**Riżultat tal-votazzjoni**

Voti favur li tiddaħħal frażi ġdida: 48 Voti kontra: 43 Astensjonijiet: 16